# L-estensjoni tal-istaġun tal-kaċċa hija riskju li se jkollu l-konsegwenzi

BirdLife Malta tinnota d-deċiżjoni tal-Gvern li jestendi l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, apposta biex jaħbat mal-qofol tal-passa tal-Gamiema. Għalkemm il-proposta oriġinali mill-Kumitat Ornis kienet għal staġun tal-kaċċa sal-25 ta' April, id-deċiżjoni tal-Gvern li l-istaġun jinfetaħ sal-21 tax-xahar xorta hija riskju bla bżonn.

L-estensjoni tal-istaġun sat-21 ta' April se tpoġġi f'riskju kbir lill-Gamiema li hi speċi protetta. Il-Gvern injora l-parir ta' aġenzija tiegħu stess – l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) – li ssuġġeriet il-perjodu bejn il-15 ta' Marzu u l-4 ta' April għall-kaċċa limitata għas-Summien. Il-Gvern jaf li mingħajr infurzar serju madwar Malta u Għawdex se jkun qed jesponi lilu nnifsu għal aktar proċeduri ta' ksur min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea.

Madwar Malta u Għawdex il-kaċċaturi diġà qed jippreparaw id-dura tagħhom li ma tistax tintuża għall-kaċċa tas-Summien imma hija speċifikament intiża għall-kaċċa tal-Gamiem (ara r-ritratti mehmużin). Sinjali fil-kampanja li jwissu lill-pubbliku biex ma jidħolx f'dawn iz-zoni, u li m'għandhom l-ebda bażi legali, jistgħu jiġu osservati kullimkien. Agħar minn hekk, diversi nassaba qed jirritornaw fl-imnasab tagħhom biex jonsbu għall-għasafar tal-għana tul il-passa tar-rebbiegħa anke jekk din hija prattika li ilha illegali għal numru ta' snin. Il-Gvern għandu obbligu lejn firxa iktar wiesgħa tas-soċjetà fir-rigward tal-ħarsien ambjentali fil-pajjiż - waqt li jtenni li mhux se jittollera l-illegalitajiet, jaf li fir-realtà l-infurzar madwar Malta u Għawdex huwa limitat u diffiċli.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal li l-estensjoni tal-istaġun se tiġi ssorveljata mill-qrib. "Aħna għamilna dak kollu li stajna biex inkunu kostruttivi u nevitaw il-konfrontazzjoni imma dan ir-riskju li qed jieħu l-Gvern huwa xhieda li Dr. Muscat u s-segretarju parlamentari tiegħu Clint Camilleri – li hu stess huwa kaċċatur – m'għandhomx il-kuraġġ jieħdu l-passi neċessarji."

BirdLife Malta se tkun qed issegwi mill-qrib l-istaġun u kull illegalità. Ma jistax ikun li l-ftit kampanja li fadlilna tibqa' tintqies bħala dominju esklużiv tal-kaċċaturi u n-nassaba. Il-Gvern se jkollu jinforza l-liġi u ma jittollera l-ebda ksur tagħha filwaqt li jassigura li l-kaċċaturi ma joqtlux għasafar protetti.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**

- Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat Ornis (21 ta' Frar 2018)
- L-istqarrija ta' BirdLife Malta maħruġa wara l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Ornis
- L-ewwel reazzjoni ta' BirdLife Malta għall-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2018 f'konferenza tal-aħbarijiet

**Ritratti mehmużin:**

1. Ritratt meħud nhar it-Tnejn ta' sit fil-Ġnejna b'dura għall-kaċċa tal-Gamiem (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Dura għall-kaċċa tal-Gamiem fil-Ġnejna (Ritratt ta' BirdLife Malta)

